

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Settembru 2011

li tistabbilixxi indikatur fiskali komuni għall-gażolji u l-kerosin

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 6422)

(2011/544/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 95/60/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar l-immarrar fiskali tal-gażolji u l-kerosin ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (2) tagħha,

Billi:

(1) Biex is-suq intern jiffunzjona sewwa, u b'mod partikolari biex ma jkunx hemm evażjoni ta' taxxa, id-Direttiva 95/60/KE tippovdi għal sistema komuni ta' immarrar għall-identifikazzjoni tal-gażolji, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 00 69, u l-kerosin, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 00 55, li nħarġu għall-konsum eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa. Mill-2002, l-ewwel kodiċi nqasam fil-kodiċijiet NM 2710 19 41, 2710 19 45 u 2710 19 49, sabeix jittieħed kont tal-kontenut ta' sulfat fil-gażolju, u t-tieni kodiċi ġie traspost bħala kodiċi NM 2710 19 25.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/428/KE tat-22 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi indikatur fiskali komuni għall-gażolji u l-kerosin ⁽²⁾ stabbiliet il-prodott identifikat bl-isem xjentifiku ta' N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy)ethyl]-4-(phenylazo)aniline (Solvent Yellow 124) bħala l-indikatur fiskali komuni stipulat bid-Direttiva 95/60/KE, għall-immarrar tal-gażolji u l-kerosin li ma ġewx intaxxati bir-rata sħiħa applikabbli għal prodotti tal-enerġija li jintużaw bħala fjuwil ta' tagħmir tal-ġarr.

(3) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/428/KE jitlob li d-Deċiżjoni 2006/428/KE tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, fid-dawl ta' żviluppi tekniċi fil-qasam tas-sistemi ta' mmarrar u billi titqies il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-frodi ta' żjut minerali eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

(4) Bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni saret konsultazzjoni mal-Istati Membri. L-Istati Membri huma ġeneralment sodisfatti li Solvent Yellow 124 leħaq l-oġġettivi tiegħu li jiġi miġġielda l-użu bi frodi ta' żjut minerali eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

(5) Ma ġewx irrappurtati problemi fir-rigward tal-effetti fuq is-saħħa u l-ambjent bl-użu ta' Solvent Yellow 124.

(6) Ma ġie ppreżentat s'issa ebda prodott alternattiv, bħala sostitut potenzjali għal Solvent Yellow 124, li jissodisfa l-kriterji kollha li fuqhom intgħażel Solvent Yellow 124 bħala l-indikatur fiskali komuni, bl-appoġġ tal-informazzjoni xjentifika rilevanti.

(7) Solvent Yellow 124 għandu jibqa' jiġi użat bħala l-indikatur fiskali komuni fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/60/KE u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(8) Din id-Deċiżjoni ma tħoll lill-ebda impriża mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 102 tat-Trattat.

(9) L-oportunitajiet offruti mill-iżviluppi futuri fix-xjenza għandhom jiġu kkunsidrati billi jiġi stabbilit limitu ta' żmien għar-reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Iżda, reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha ssir f'kull ħin qabel dan il-limitu ta' żmien jekk Solvent Yellow 124 jinstab li qed jikkawża żieda fl-evażjoni fiskali jew ħsara addizzjonali fuq is-saħħa jew l-ambjent.

(11) Fl-interessi taċ-ċarezza u t-trasparenza, id-Deċiżjoni 2006/428/KE għandha tiġi sostitwita.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont il-fehma tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-indikatur fiskali komuni stipulat bid-Direttiva 95/60/KE, għall-immarrar tal-gażolji kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2710 19 41, 2710 19 45, u 2710 19 49, kif ukoll tal-kerosin li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 25, għandu jkun Solvent Yellow 124, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jiffissaw livell ta' immarrar ta' mill-anqas 6 mg u mhux aktar minn 9 mg ta' indikatur għal kull litru ta' żejt minerali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, filwaqt li jitqiesu żviluppi tekniċi

⁽¹⁾ ĠU L 291, 6.12.1995, p. 46.

⁽²⁾ ĠU L 172, 24.6.2006, p. 15.

fil-qasam tas-sistemi ta' immarkar u l-ħtieġa li jiġi miġġieled l-użu bi frodi ta' prodotti tal-enerġija eżenti mis-sisa jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Se ssir reviżjoni qabel il-waqt jekk jinstab li Solvent Yellow 124 qed jikkawża żieda fl-evażjoni tat-taxxa jew ħsara addizzjonali fuq is-saħħa jew l-ambjent.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2011.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2006/428/KE hija rrevokata.

Għall-Kummissjoni

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

1. Identifikazzjoni skont l-Indiċi tal-Kulur: *Solvent Yellow 124*
 2. L-isem xjentifiku: *N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy)ethyl]-4-(phenylazo)aniline.*
-